6 ta' Gunju, 1949

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Emmanuela Grima

**Talb ta' Karità — Diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

*Min jitlob il-karità fi triq jew spazju publiku, meta jkun qiegħed jirċievi sussidju minn fondi publiċi, jew ikun irrifjuta għajnuna publika li ġiet lilu offerta, jista' jiġi proċessat bla ma jeħtieġ xejn aktar; mentri jekk huwa ma kellux dik il-għajnuna publika, jinħtieġ, biex huwa jiġi proċessat, test tal-mezzi tiegħu u tal-kapaċità tiegħu għax-xogħol.*

*Dan it-test huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, u l-opinjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ma hijiex sindakabili mill-Qorti; b'mod li l-Qorti ma għandhiex tara hija stess jekk min talab il-karità kellux mezzi biex jgħix jew kienx kapaċi għax-xogħol, imma għandha tara biss jekk jirriżultax li l-imputat talab il-karità fi triq jew spazju publiku u jekk il-Kummissarju tal-Pulizija eżerċitax id-diskrezzjoni tiegħu fis-sens li hu ta' l-opinjoni li l-imputat għandu mezzi jew hu kapaċi għax-xogħol.*

*Din id-diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija sindakabili mill-Qorti biss meta tkun manifestament ingusta; u trid tkun l-opinjoni ta' dak il-Kummissarju, u mhux dik ta' xi uffiċjal subaltern għalih.*

L-imsemmija Grima ġiet imressqa quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex tirrispondi għall-imputazzjoni illi l-Mellieħa, fl-ewwel ta' Marzu 1949, fit-tmienja ta' filgħodu, talbet il-karità fit-Triq il-Kbira;

B'sentenza tagħha tat-8 ta' April 1949 dik il-Qorti lliberat lill-imputata;

L-Attorney General appella minn dik id-deċiżjoni fuq pont tal-liġi;

Il-Maġistrat irritjena li peress li Grima ma kienet qiegħda tieħu ebda sussidju mill-Gvern, u peress li ma jirriżultax li

għandha mezzi, għalhekk ma hemmx il-kostitutivi tar-reat;

Dina l-interpretazzjoni tal-Maġistrat ġiet kontestata mill-Attorney General;

Il-materja hi regolata min-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 176 ta' l-1901. "En passant" jista' jingħad li hu forsi ta' min jikkunsidra, "in lege condenda", rimodellament ta' din in-Notifikazzjoni stante li, fil-kors ta' kważi ħamsin sena, il-kondizzjonijiet "in subjecta materia" tbiddlu;

Ir-regolamenti jgħidu hekk :—

1. "No person shall solicit alms........... in any street or public thoroughfare, if such person be the recipient of relief from public funds, or has been offered and has refused outdoor relief, or admission to a charitable institution";

2. "Persons who have not been offered relief from public funds shall not be prosecuted for soliciting alms, except in the case that the Superintendent of Police be of opinion that such persons are in possession of sufficient means, or that they are able to work for their subsistence";

Rettament interpretati, dawn iż-żewġ regolamenti jfissru dan li ġej : Jekk min ikun qed jitlob karità jkun qed jirċievi sussidju minn fondi publiċi, jew ikun irrifjuta sussidju, jew ikun irrifjuta li jidħol f'Istitut ta' Karità, allura jista' jiġi proċessat talli talab karità, bla ma jeħtieġ xejn aktar; jekk però ma jkunx qed jirċievi sussidju, jew ma jkunx irrifjuta l-għajnuna fuq imsemmija, allura ma jistax jiġi proċessat ħlief meta l-Kummissarju tal-Pulizija (fl-1901 imsejjaħ Suprintendent) ikun ta' fehma li min talab karità għandu mezzi biex igħix jew jista' jaħdem;

Jiġifieri, jekk min talab karità qed jirċievi sussidju jew jirrifjuta għajnuna pubblika, allura jista' jiġi proċessat bla ma jeħtieġ xejn aktar. Jekk ma għandux din l-għajnuna publika, allura jeħtieġ "test" preventiv (mezzi jew kapaċità għax-xogħol), u dan it-"test" il-liġi ħallietu fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Issa, biex wieħed jara jekk l-Ewwel Qorti żbaljatx fl-enunċjazzjoni tal-punt tal-liġi, hemm bżonn li wieħed iħares lejn is-sentenza appellata, għaliex fiha hemm bżonn li jinsab il-motiv legali ta' l-appellabilità mill-parti tal-Prosekuzzjoni;

Il-Maġistrat sab bħala fatt li l-imputata ma kienetx qiegħ-

da tirċievi sussidju mill-Gvern. Mela l-każ taghha, b'daqshekk, waqa' taht it-tieni regolament. Il-Maġistrat sab li l-imputata ma ghandhiex mezzi, u ghalhekk illiberaha;

Dina t-tieni parti hija doppjament difettuża bhala enunċjazzjoni tal-liġi. Fl-ewwel, ma hemmx li l-imputata ma tistax tahdem, mentri hemm bżonn li tkun inkapaċi ghax-xoghol biex ikun hemm l-eżenzjoni. It-tieni, skond il-liġi, it-"test" dwar il-mezzi jew dwar il-kapaċità ghax-xoghol hi rimessa lill-Kummissarju tal-Pulizija;

Dan hu infatti każ ta' "executive discretion". Il-liġi ma tghidx li: fil-każ tat-tieni regolament, min jitlob il-karità jista' jiġi proċessat jekk ghandu mezzi suffiċjenti jew jekk hu kapaċi jahdem imma tghid "jekk fl-opinjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija" hu ghandu mezzi jew jista' jahdem. Il-liġi, ghalhekk, halliet f'idejn l-awtorità amministrativa d-dikjarazzjoni jekk il-persuna li talbet il-karità kellhiex mezzi jew setghetx tahdem. La l-liġi halliet dan l-element fid-diskrezzjoni ta' l-awtorità amministrativa, hu ċar li l-Qorti ghandha biss tara jekk, fil-fatt, l-awtorità amministrativa hijiex ta' dik l-opinjoni; u l-Qorti ma tistax tissindaka dik id-diskrezzjoni kif eżerċitata, ammenokkè ma tkunx manifestament inġusta. L-eżami dwar il-mezzi jew il-kapaċità ghax-xoghol ma jistax isir mill-Qorti, imma ghandu, b'liġi, isir mill-Kummissarju tal-Pulizija, u jekk dan hu soddisfatt li l-persuna li talbet il-karità kellha l-mezzi jew setghet tahdem, allura, jekk jirriżulta lill-Qorti li dik il-persuna talbet karità fi triq jew spazju publiku, hemm biżżejjed ghal dikjarazzjoni ta' reità;

Din hija l-interpretazzjoni kostanti ta' lokuzzjoni legali simili f'każijiet ohra tara, kwantu ghall-ġurisprudenza maltija App. Krim. "Pul vs. Buhagiar", 13 ta' Marzu 1937; "Pulizija vs. Gaetano Farrugia", 21 ta' Mejju 1938; "Pulizija vs. Fiteni", 2 ta' Lulju 1938; u kwantu ghall-ġurisprudenza ingliża, "The King vs. Governor of Wormwood Scrubbs Prison, King's Bench, 8th. March 1920; The King vs. Inspector of Leman Police Station, ex parte Venicoff, King's Bench, May 1920—L. Rep. 1920, Vol. II, page 305, and Vol. III, page 72);

Kif intqal, id-diskrezzjoni ma hijiex sindakabili, ghaliex, kif ġie osservat f'wiehed minn dawn il-ġudikati ingliżi, "it is, of course, always to be assumed that the Executive will act

honestly and that its powers will be reasonably exercised". L-eżerċizzju tad-diskrezzjoni ma għandux ikun ma jaqbelx "legi, fidei, rationi". Għandu jiġi osservat li fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla Ċivili fil-kawża "Demarco vs. Turner ne.", maqtugħa fit-12 ta' Ottubru, 1933, l-Imħallef Dr. Depasquale kien osserva perspikaċement, wara li, b'*interpretazzjoni* ta' każ simili, kien qal li "al giudice civile non è dato di sindacare l'apprezzamento discrezionale dell'ufficiale pubblico", illi l-liġi kienet ħalliet il-ġudizzju dwar ċertu fatt f'idejn l-uffiċjal eżekutiv "confidandosi interamente alla sua onestà, alla sua capacità, ed alla sua esperienza". Jekk id-diskrezzjoni, infatti, ma *tkun eżerċitata "in a fair and honest way", allura* jista' jkun hemm lok għas-sindakabilità tagħha dati ċerti kondizzjonijiet (ara sent. Prim'Awla, "Muscat Azzopardi vs. Anastasi Pace ne.", 1 ta' Mejju 1946);

Issa, f'dan il-każ kien paċifiku bejn il-partijiet (u del resto dan deher mid-dokument fol. 5, konfermat mix-xhud Attard), illi l-imputata ma *kienetx tirċievi sussidju minn fondi pubbliċi;*

Dwar il-mezzi l-Maġistrat sama' lill-imputata fuq talba tagħha. Il-Prosekuzzjoni ssostni illi l-fatt li l-imputata ġiet proċessata mill-Pulizija jfisser illi fl-opinjoni tal-Kummissarju hija kellha mezzi suffiċjenti jew setgħet taħdem, u illi għalhekk il-Maġistrat ma kellux jidħol f'dik il-kwistjoni, imma *kellu jara biss jekk l-imputata talbetx il-karità fi triq jew spazju* publiku;

Il-Maġistrat ċertament imissu irrikjeda biss prova li l-Kummissarju tal-Pulizija kien ta' l-opinjoni li l-imputata kellha mezzi suffiċjenti jew setgħet taħdem, u, anmenokkè ma deherlux li dik l-opinjoni kienet manifestament inġusta, jaċċettaha, *skond ma trid il-liġi, u jgħaddi biex jara biss il-fatt* jekk l-imputata talbetx karità fi triq jew spazju publiku. Imma l-Prosekuzzjoni lanqas għandha raġun meta ssostni li l-fatt taċ-ċitazzjoni waħdu huwa biżżejjed biex juri li l-Kummissarju hu ta' dik l-opinjoni. Meta l-liġi tqiegħed bħala bażi ta' proċedura l-opinjoni ta' uffiċjal ta' l-Eżekutiv, allura, sabiex lil *dik l-opinjoni jingħata l-effett fuq innisemmi, hemm bżonn li* ssir prova "ad hoc" pożitiva u espliċita ta' dik l-opinjoni, u mhux "per impliciter". Infatti hemm bżonn li l-Qorti tkun

soddisfatta li din hija l-opinjoni mhux ta' uffiċjal subaltern, imma tal-Kummissarju tal-Pulizija; għaliex hekk tgħid il-liġi. Jekk dik l-opinjoni hi ta' uffiċjal ieħor, allura xejn ma tiswa għall-finijiet tad-dispożizzjoni in kwistjoni. Hemm bżonn prova pożitiva u appożita, anki għar-raġuni illi l-Qorti għandha tkun soddisfatta li dik l-opinjoni qiegħda tingħata wara li jkunu saru mill-uffiċjal eżekutiv l-investigazzjonijiet meħtieġa. Il-Qorti ma tindaħalx fl-apprezzament tar-riżultat ta' dawk l-investigazzjonijiet, imma għandha tkun soddisfatta li saru, biex tkun soddisfatta li l-eżerċizzju tad-"discretion" kien "fair and honest";

Kieku kienet aċċettabili t-teżi tal-Prosekuzzjoni, kien jiġi illi l-Qorti, mill-fatt biss tal-ħruġ taċ-ċitazzjoni, għandha tiddeżumi, kważi b'konġettura inġustifikabili, illi mhux subaltern, imma l-Kummissarju hu ta' dik l-opinjoni, u illi fil-fatt saru l-investigazzjonijiet li kienu jixirqu — konġettura li ma hijiex ġustifikata jew ġusta;

F'każijiet simili għandha ssir il-prova li teħtieġ li l-Kummissarju hu ta 'dik l-opinjoni, u l-prova għandha tkun pożitiva u espliċita, b'mod illi l-Qorti tista' tikkontrolla sal-limiti li tista', u għandha tikkontrolla, fis-sens fuq spjegat;

Għalhekk, għalkemm bħala liġi s-sentenza għandha d-difett fuq rilevat, eppure l-istess hemm lok għal-liberatorja, għaliex jonqos l-element tal-prova ta' l-opinjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, indispensabili għall-applikazzjoni tat-tieni regolament—prova li ma hux sewwa li ssir f'dan l-istadju, wara assolutorja u fuq appell tal-Prosekuzzjoni;

Għalhekk il-Qorti;

Tiddeċidi billi, fis-sens fuq spjegat, tiċħad l-appell, u biss fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tikkonferma l-assolutorja kontenuta fis-sentenza appellata.